g) l-iżnaturament ta' l-argumenti u ta' l-elementi ta' prova, kif ukoll il-motivazzjoni illoġika u kontradittorja inkonsistenti mal-ġurisprudenza Komunitarja fir-rigward tal-ħlas ta' kumpens għal danni morali. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ma setgħetx tuża argumenti li jirrigwardaw esklużivament l-esklużjoni jew in-nuqqas ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi għal provvisti sabiex tiċħad it-talba għall-ħlas ta' kumpens għal danni minħabba ksur tal-prinċipju li l-proċeduri amministrativi jiġu ddeterminati fi żmien raġonevoli jew minħabba ksur tad-dmir ta' sorveljanza mill-Kummissjoni.

(1) Sentenza tas-27 ta' Jannar 2000, Ġabra p. I-203.
(2) Sentenza tad-9 ta' Jannar 2006, Ġabra p. I-10833.

**Rikors imressaq fl-14 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Ċeka**

**(Kawża C-496/07)**

(2008/C 37/03)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Rozet u M. Šimerdová, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Ċeka

**Talbiet**

Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li, safejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali Ċeka tirriżerva l-kariga ta' kaptan ta' vapur li jtajjar il-bandiera Ċeka għal persuni li għandhom iċ-ċittadinanza Ċeka, ir-Repubblika Ċeka naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-Artikolu 39 tat-Trattat KE;

— tikkundanna lir-Repubblika Ċeka tbati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni tibbaża r-rikors tagħha fuq dawn il-motivi:

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali Ċeka (zákon č. 61/2000 Sb; Liġi Nru 61/2000) timponi obbligu fuq l-armatur ta' vapur, li jiżgura li l-kaptan ta' vapur li jtajjar il-bandiera Ċeka ikun ċittadin tar-Repubblika Ċeka.

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, dan l-obbligu ċar u inkondizzjonat ta' ċittadinanza tar-Repubblika Ċeka imur kontra l-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi C-405/01 (1) u C-47/02 (2). B'mod partikolari il-Kummissjoni tagħmel referenza għall-konstatazzjonijiet fil-punt 44 tas-sentenza fil-kawża C-405/01 u dawk fil-punt 63 tas-sentenza fil-kawża C-47/02. L-obbligu impost mil-leġiżlazzjoni Ċeka li l-kaptan ta' vapur irid ikollu ċ-ċittadinanza Ċeka huwa assolut. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi Ċeka ma jeħdux in kunsiderazzjoni il-mod li bih, u safejn, il-kaptan ta' vapur, fil-verità, jeżerċita setgħat li jinkludu l-eżerċizzju ta' setgħa pubblika, kif teħtieġ il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej imsemmija aktar 'il fuq. Il-fatt waħdieni li l-liġi Ċeka tagħti poteri li jaqgħu taħt il-portata ta' l-eżerċizzju tas-setgħa pubblika lill-kaptani ta' vapuri li jtajjru l-bandiera Ċeka mhuwiex biżżejjed biex jiġġustifika eċċezzjoni għall-moviment liberu tal-ħaddiema skond l-Artikolu 39(4) tat-Trattat KE.

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija tal-fehma li r-Repubblika Ċeka hija obbligata tikkonforma l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, minkejja l-fatt li (skond id-dikjarazzjonijiet tar-Repubblika Ċeka) attwalament ma jeżistu ebda vapuri li jtajjru l-bandiera Ċeka.

(1) Sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Colegio de Oficiales de la Marina Mercante Espagñola v Administración del Estado (C-405/01, Ġabra p, I-10391), dwar leġiżlazzjoni Spanjola li kienet tirriżerva l-kariga ta' kaptan u ta' *chief mate* fuq vapuri li jtajjru l-bandiera Spanjola għal persuni b'ċittadinanza Spanjola.
(2) Sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Albert Anker, Klaas Ras u Albertus Snoek vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (C-47/02, Ġabra p. I-10447) dwar leġiżlazzjoni Ġermaniża li kienet tirriżerva l-kariga ta' kaptan fuq vapuri li jtajjru l-bandiera Ġermaniża u li jbaħħru fuq skala zgħira (*"Kleine Seeschiffahrt"*) għal persuni b'ċittadinaza Ġermaniża.

**Appell imressaq fid-19 ta' Novembru mit-Territorio Energia Ambiente SpA (TEA) kontra d-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) mogħti fis-17 ta' Settembru 2007 fil-Kawża T-175/07, Energia Ambiente SpA vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

**(Kawża C-500/07 P)**

(2008/C 37/04)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Territorio Energia Ambiente SpA (TEA) (rappreżentanti: E. Coffrini u F. Tesauro, avvocati)

*Partijiet l-oħra fil-kawża:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla u/jew tibdel *in toto* d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li hija s-suġġett ta' dan ir-rikors fl-appell, b'kull deċiżjoni sussegwenti mogħtija mil-liġi u mill-ġustizzja.

— tilqa' t-talbiet diġà ppreżentati fir-rikors fl-ewwel istanza.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2002 ([1]), rigward "l-għajnuna mogħtija mill-Istat fir-rigward ta' l-eżenzjonijiet fiskali u self b'kundizzjonijiet preferenzjali favur impriżi tas-servizz pubbliku fil-parti l-kbira b'kapital pubbliku", ġiet iddikjarata li hija għajnuna mogħtija mill-Istat inkompatibbli mas-suq komuni s-sistema ta' eżenzjoni fiskali li saret disponibbli, permezz tas-sebgħin subparagrafu ta' l-Artikolu 3 tal-Liġi Nru 549/1995 u l-erbatax-il subparagrafu ta' l-Artikolu 66 tad-D.L. Nru 331/1999, kif mibdula u emendata, favur il-kumpannija b'sehem fil-maġġoranza pubbliku li teżerċita servizzi pubbliċi lokali. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma rrigwardatx kumpanniji partikolari, iżda kienet tapplika wkoll għall-kumpanniji stabbiliti skond l-Artikolu 22 tal-Liġi 241/1990, b'kapital fil-maġġoranza pubbliku. Għaldaqstant, ma kinitx ġiet innotifikata lil xi kumpannija waħda (u lanqas lir-rikorrenti) peress li ma kellhiex destinatarji individwati b'mod speċifiku. L-Istat Taljan, permezz tad-D.L. Nru 10 tal-15 ta' Frar 2007, implementa d-deċiżjoni msemmija iktar 'il fuq, fejn ta l-inkarigu ta' l-irkupru lill-Agenzie delle Entrate. B'konsegwenza, l-Agenzia delle Entrate ta' Mantova, fid-29 ta' Marzu 2007, innotifikat lill-kumpannija rikorrenti komunikazzjoni u inġunzjoni, għall-ammont prinċipali ta' EUR 1 748 289,75 barra l-interessi għal EUR 912 180,64.

Madankollu, il-kumpannija rikorrenti m'għandhiex sehem fil-maġġoranza pubbliku, iżda hija totalment pubblika, u b'hekk għaliha ma jistgħux japplikaw il-"kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni u d-deċiżjoni tagħha".

Lilha ngħataw inkarigi ta' servizzi pubbliċi lokali in house, li l-ġestjoni tagħhom kienet diġà mogħtija mill-Comune ta' Mantova lill-impriża muniċipali (ASM), mibdula, skond il-L. 127/97, fil-kumpannija rikorrenti.

Din tmexxi wkoll is-servizzi pubbliċi fis-settur privat, f'kunest essenzjalment lokali, mingħajr ma tista' tinfluwenza l-kompetizzjoni libera, li ma tistax teżisti peress li ma jeżistix suq.

Kumpannija totalment b'kapital pubbliku mhijiex għajr korp indirett tal-Comuni sħab, li huma l-veri destinatarji ta' l-għajnuna fiskali, ikkontestata mill-Kummissjoni.

B'hekk, minħabba raġunijiet oġġettivi u suġġettivi, l-eżenzjoni fiskali mogħtija lir-rikorrenti ma tistax tiġi kklassifikata bħala għajnuna indebita mogħtija mill-Istat, li tmur kontra dak li jipprovdi l-Artikolu 87 tat-Trattat.

Minħabba r-raġunijiet mogħtija fil-qosor tressaq rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija iktar 'il fuq, li jħassar il-kawża T-175/07, irrinvijata lir-Raba' Awla, li ġiet deċiża permezz ta' digriet ta' inammissibbilità tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Settembru 2007, li kienet motivatu b'nuqqas ta' osservanza tat-terminu msemmi fl-Artikolu 230(5) tat-Trattat KE, li skond dan ir-rikors għal annullament kellu jiġi ppreżentat fi żmien xahrejn li jiddekorru, skond il-każ, mill-pubblikazzjoni tal-miżura kkontestata, jew minn meta dan jiġi notifikat lir-rikorrent, jiġifieri, fin-nuqqas, mill-ġurnata li fiha r-rikorrent ikun sar jaf bih, skond l-Artikolu 102(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Din l-eċċezzjoni hija meqjusa mingħajr fundament, anki fid-dawl tas-sentenzi tas-17 ta' Settembru 1980 (730/79) ([2]); ta' l-14 ta' Novembru 1984 (323/82) ([3]); tat-12 ta' Diċembru 1996 (T-358/94) ([4]) u, b'mod partikolari, tad-deċiżjoni tat-Tielet Awla, tat-23 ta' Frar 2006, fil-kawża C-346/03 ([5]), u għaldaqstant, b'dan ir-rikors qed jintalab li tinbidel.

Fil-fatt, ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza ġie ppreżentat malli l-kumpannija rikorrenti saret taf li kienet fost id-destinatarji tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, jiġifieri meta rċeviet in-notifika ta' l-istima tad-dħul tat-taxxa maħruġa mill-Agenzia delle Entrate.

Sussegwentement, għandu jiġi kkunsidrat, bħala motiv ieħor ta' kontestatazzjoni tad-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li din il-miżura kienet applikat l-Artikolu 225 tat-Trattat b'mod żbaljat.

Fil-fatt, it-talba għal annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha titqies li hija marbuta fil-qrib mat-talba li ma tkunx suġġetta għall-istess deċiżjoni, u għaldaqstant qed jintalab li jinbidel id-digriet ta' l-ewwel istanza, ukoll fid-dawl ta' l-inkompetenza *ratione materiae*, mill-istess korp ġuridiku.

([1]) ĠU 2003, L 77, p. 21.
([2]) Ġabra 1980, p. 2671.
([3]) Ġabra 1984, p. 3809.
([4]) Ġabra 1996, p. II-2109.
([5]) Ġabra 2005, p. I-6159.

**Appell imressaq fid-19 ta' Novembru 2007 minn S.A.BA.R. SpA kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) mogħtija fis-17 ta' Settembru 2007 fil-Kawża T-176/07, S.A.BA.R. SpA vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

**(Kawża C-501/07 P)**

(2008/C 37/05)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* S.A.BA.R. SpA (rappreżentanti: E. Coffrini u F. Tesauro, avvocati)

*Parti oħra fil-kawża:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla u/jew tibdel kompletament is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza li hija taħt appell hawnhekk, u tiddeċiedi konsegwentement.

— tilqa' t-talbiet li diġà ġew magħmula fir-rikors fl-ewwel istanza.